MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 1078/1997/1

Lawrence Farrugia
vs
Il-Ministru ghall-Affarijiet Barranin, u s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju ta' l-Affarijiet Barranin

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn Awissu 1991 u Marzu 1992, ir-rikorrent, waqt li kien jahdem bhala ufficjal fil-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin kien sofra ngustizzja billi: (1) kien gie kkalunjat; u (2) kien ircieva trattament umiljanti bl-iskop li jaqla' transfer vendikattiv minghajr ebda raguni valida, anzi x'aktarx minhabba t-twemmin politiku li kien ihaddan: u anke (3) kien suggett ta' atti diskriminatorji a bazi politici biex itellfulu l-opportunita` ta' promotion ghall-First Secretary.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien jahdem fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin bejn l-1977 u l-1992. Sa 1987, kien attenda laqghat ta’ livell gholi kemm f’Malta kif ukoll f’Washington, fejn kien serva bhala Charge’ d’Affaires a.i. u Konslu Generali bejn 1980 u 1986. Waqt dan il-“posting” kien hadem bis-shih biex issehh il-laqgha importanti, bejn l-ex Ministru Sciberras Trigona u l-*US Foreign Secretary* George Shultz, li ghaliha r-rikorrent kien prezenti. L-izviluppi sussegwenti ta’ din il-laqgha kien sarrfu f’tibdil ta’ delegazzjonijiet u ufficjali gholja bejn iz-zewg pajjizi, kif ukoll f’rabtiet ta’ investimenti kummercjali u politici. Dak iz-zmien, l-ambaxxatur is-Sur Leslie Agius kellu ‘roving role’. Ir-rikorrent dejjem kien wera lejalta` lejn dan is-superjur tieghu u kien ghinu bis-shih biex ikun jista’ jattwa d-doveri tieghu. Anke mill-aspett amministrativ, ir-rikorrent kien wera li kien efficjenti ghax qatt ma kien ecceda l-fondi allokati kull sena ghall-ambaxxata fejn kien ‘posted’.

Id-doveri tar-rikorrent f’Malta, kemm qabel kif ukoll wara l-‘posting’ tieghu f’Washington, jigifieri mill-1986 il-quddiem, kienu dawk ta’ *desk officer* fuq il-*Council of Europe.* Tul daz-zmien, partikolarment wara l-‘Posting’, r-rikorrent kien serva bhala ‘link-man’ bejn dawk l-ufficjali li ssiehbu mieghu fuq dan id-‘desk’ u li kellhom jitilqu ghar-ragunijiet varji. Nonostante cioe`, r-rikorrent qatt ma nhatar biex jattendi xi meeting tal-*Council of Europe*, filwaqt li kull wiehed mill-ufficjali li ssiehba mieghu mar aktar minn darba, anke jekk dawn kollha esprimew ix-xewqa li r-rikorrent kellu jattendi ghal xi laqghat minn dawn. Hawn diga` kienet bdiet tidher diskriminazzjoni sottili mill-awtoritajiet tal-Ministeru kontra r-rikorrent, l-aktar meta tqis l-esperjenza li kellu kemm f’Malta kif ukoll barra, u anke meta jitqies l-interess li kien jiehu fuq dan id-desk u l-kollaborazzjoni li kien joffri lid-dipartimenti l-ohra biex Malta tissieheb f’numru ta’ Konvenzjonijiet Ewropej.

Ghall-habta ta’ l-ahhar tat-tmeninijiet is-Sur Ebejer, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru kien personalment appunta r-rikorrent bhala membru fuq il-Kumitat interdipartimentali li kien twaqqaf ghall-harsien tal-protezzjoni civili ghar-raguni, li skond is-Sur Ebejer, r-

rikorrent kien juri interess partikolari fuq id-disastri naturali. Wara ftit attendenza r-rikorrent kien gie mgieghel mis-Sur Walter Balzan, ufficjal mis-segretarjat biex jerga' javvicina lis-Sur Ebejer. Meta dan sehh, ta' l-ahhar kien ordna lir-rikorrent biex ma jibqax jattendi dan il-Kumitat, minghajr ebda raguni, anzi x'aktarx ghax ordnat minhabba mottivi politici.

Ghall-ebda raguni ta' xejn, ghall-habta ta' xi disgha xhur qabel l-elezzjoni tal-1992 ma kien beda jintbaghat l-ebda xoghol lir-rikorrent. Ir-rikorrent kien ried ikun jaf ir-raguni ghalfejn dan it-trattament, minghajr qatt ma jircievi sodisfazzjon minghand hadd. Meta s-Sur Victor Gauci, is-Segretarju l-gdid u ex-ambaxxatur fi New York, kien qed jigi mdawwar mis-Sur George Busuttil mal-ufficini, biex jiltaqa' mal-impjegati tal-Ministeru, r-rikorrent kien spjegalu t-trattament umiljanti li kien qed jircievi. Meta s-Sur Gauci kien staqsa lis-Sur Busuttil, ufficjal fil-Ministeru, r-raguni ghalfejn, dan ta' l-ahhar qallu li kien se jispjegalu wara.

Xi jiem wara r-rikorrent kien inqala' minn postu u spicca minghajr ufficju. Meta kien ressaq ghal bosta drabi dan l-ilment mas-Sur George Busuttil, ta' l-ahhar kien tah bicca xoghol fejn r-rikorrent kellu jnizzel fuq bicca karta, il-magazines u l-kotba li kien isib fuq id-desks li kien hemm fil-Ministeru. Dan ix-xoghol kien umiljanti hafna ghax apparti min natura tieghu, r-rikorrent li kien jokkupa karigi ta' responsabbilta`, f'daqqa wahda kien sab ruhu jdur b'bicca karta f'idejh qalb il-kollegi tieghu u minghajr ufficcju. Tant hu hekk li r-rikorrent kien talab spiss lit-telephone operators jekk setax jiehu l-break fil-kamra taghhom. Wiehed minnhom kien sahansitra jghidlu biex ipoggi fejn ma jaghtix fil-ghajn. Il-lista li kien qed jaghmel r-rikorrent qatt ma kienet giet iccekkjata.

F'okkazjoni ohra r-rikorrent kellu jidhol xi ghaxar minuti tard mill-break, u l-istess Sur Busuttil kien baghat ghalih mas-Sur Adrian Galea u kien saqsieh ghalfejn dan l-ispijar fuqu. Ta' l-ahhar kien qallu li bhala hbieb xtaq jiftahlu ghajnejh biex joqghod attent aktar minn haddiehor.

Ir-rikorrent li beda jsofri frustrazzjoni kbira u li kellha effett psikologiku fuqu, xtaq ikun jaf minghand kulhadd ir-raguni ta’ dan it-trattament. Darba huwa kien gie avvicinat mis-Sur Godwin Bellotti u kien qallu li sar diskors fis-sens li r-rikorrent beda jaghti xi informazzjoni fuq ix-xoghol tal-Ministeru lill-Partit Laburista.

Wara hafna ilmenti ma’ kulhadd biex jingiebu l-provi fuq dak il-gideb, dawn, mid-dehra kienu waslu fejn kellhom jaslu, ghaliex ir-rikorrent kien inghata l-inkarigu tal-“Legalization”, f’kamra wahdu li llum tintuza mit-telephone operators. Dak iz-zmien dan ix-xoghol ma kienx jehodlu aktar minn siegha kuljum. Dan seta’ gie vverifikat mir-records ta’ dak iz-zmien. Illum, dan ix-xoghol huwa biss parti wahda minn hafna duties li jaghmel ufficjal fil-Protocol.

Fis-6 ta’ Marzu 1992, immedjatament wara l-elezzjoni tal-1992, ir-rikorrent kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Muzewijiet, u tpogga jahdem ghall-aktar minn sena f’kamra bla twieqi, bla bibien (ghax biex tidhol fiha trid tghaddi minn kamra ohra) u bla ventilazzjoni qalb hafna kaxex bil-files go fihom, fejn il-kompitu tieghu kien li jiehu hsieb l-istess stores. Dak iz-zmien hafna mit-tqassim li kien isir kien ta’ toilet paper u stationery. Dik il-kamra tant kienet ta’ detriment ghas-sahha, li dan l-ahhar kien infethilha bieb, iddawlet u ghamlulha l-komunikazzjoni ghall-air conditioner sabiex jitpoggew l-impjegati fiha. Dak it-transfer kien sehh nonostante l-esperjenza twila li kellu f’dak il-Ministeru u l-lejalta` tar-rikorrent fuq xoghlu, u wkoll meta jitqies li kien gie maghzul minn ohrajn li marru hemmhekk hafna warajh, u li min kien biddlu kien anqas minnu fil-grad.

Xtaq izid li fit-28 ta’ Dicembru 1988 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal erbgha postijiet ta’ *First Secretary* fl-ufficcju ta’ l-Affarijiet Barranin. Meta kien gie maghruf li ghal dawn il-postijiet kien applika r-rikorrent u ohrajn bhalha, din is-sejha kienet giet irtirata. L-iskuza kienet li dan kien sar minhabba r-*reorganisation exercise*, imma din kienet biss skuza, ghaliex is-sejha ghall-

*Counsellors*, li kienet saret fl-istess data, ma kienetx giet irtirata, u dawn gew, fil-fatt, appuntati.

Huwa anetta bhala Dok. A., lista tax-xhieda li kien bi hsiebu jtella', u jindika dak li jrid jipprova bihom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi trasferit lura l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, u li l-assenza tieghu minn dan il-Ministeru minhabba t-transfer li sofra ma tinfluwenzax f'xi promozzjonijiet li jistghu jinghataw hemmhekk, kif ukoll rikumpens ta' l-ingustizzja li sofra. Jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5,000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJET:**
Ra r-risposta tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent, u tas-Segretarju Permananti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent, li eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok, ma jirrizultax mill-fatti prezentati mir-rikorrent, li l-intimati jistghu jigu mixlija b'agir kalunjanti, diskriminatorju u ingust tul il-perjodu li fih ir-rikorrent kien impjegat fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

2. Illi, l-assunzjoni tar-rikorrent li hu sofra ngustizzji u trattament umiljanti "x'aktarx minhabba t-twemmin politiku li jhaddan" hija suppozizzjoni soggettiva mibnija fuq incertezza u dubbju u mhux fuq il-fatti.

3. Illi l-fatt li r-rikorrent ma kienx inghata l-opportunita` li jsiefer fuq xoghol ma jistax jitqies bhala att diskriminatorju ghaliex min imexxi l-Ministeru ghandu r-responsabbilta` li jiehu decizjonijiet amministrattivi bhal din u jaghzel hu, fi kwalunkwe hin, liema ufficjal l-ahjar li jaqdi l-funzjonijiet tieghu ufficcjali barra minn Malta.

4. Illi d-decizjoni li r-rikorrent ma kienx jibqa jattendi ghall-laqghat tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni Civili

kienet wahda amministrattiva u mhix vessatorja, u li r-rikorrent kien iqis din id-decizjoni bhala “x’aktarx” ghal mottivi politici kienet biss assunzjoni spekulattiva li mhix mibnija fuq la fatti u lanqas fuq provi konkreti u tangibbli.

5. Illi x-xoghol tal-‘Legalisation’ li kien ghamel ir-rikorrent fiz-zmien li serva fil-Ministeru kien effettivament isir, dan l-ahhar snin, anki minn ufficcjali fil-grad oghla ta’*Principal*, meta l-grad li kellu r-rikorrent dak iz-zmien kien dak ta’ *Assistant Principal*, u ghaldaqstant ma jistax jinghad illi l-fatt li ntbaghat jaghmel xoghol ta’ dan it-tip u wisq inqas l-fatt li l-kamra llum tintuza ghal-skopijiet differenti hi prova ta’ trattament umiljanti mill-intimati.

6. Illi ma kien hemm ebda diskriminazzjoni kontra r-rikorrent fit-trasferiment tieghu mill-Ministeru, ghaliex kemm it-trasferiment lejn il-Ministeru u dak mill-Ministeru saru skond l-esigenzi tas-Servizz Generali u skond it-termini tal-hatra tieghu fis-Servizz Generali tal-Gvern.

7. Illi t-trasferimenti tar-rikorrent lejn il-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin fl-14 ta’ Lulju 1977 u mill-istess Ministeru fis-6 ta’ Marzu 1992 kienu saru skond proceduri bhala tali mit-Taqsima involuta fl-Ufficcju tal-Prim Ministru.

8. Illi ma ghandux jigi konkluzi li ghaliex ir-rikorrent serva ghal numru ta’ snin fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin, allura ma kellux ghalfejn jigi trasferit mill-gdid barra mill-istess Ministeru, u li dan it-trasferiment, meta eventwalment sehh f’Marzu ta’ 1992, kien allura vendikattiv u diskriminatorju.

9. Illi l-asserzjoni tar-rikorrent illi l-agir allegatament diskriminatorju mieghu min-naha tal-Ministeru telliflu l-opportunita` ta’ promozzjoni ghall-grad ta’ *First Secretary* hija frivola u bla bazi, u dan ghaliex kien hemm zewg sejhiet ghall-applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet ta’ *First Secretary* minn fost Ufficcjali Amministrattivi fis-Servizz Generali tal-Gvern mill-1988 ‘l hawn. Ghalkemm ir-rikorrent kien applika ghall-ewwel sejha *(OPM Circular 148/88)* biex jimtlew erbgha postijiet ta’ *First Secretary* fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin, il-process ta’ selezzjoni

fuq din is-sejha mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku twaqqaf ghall-kandidati kollha, u allura mhux ghar-rikorrent biss, u dan ghaliex il-Kabinet kien approva skema gdida ghar-reklutagg ta’ *First Secretaries* fil-Korp Diplomatiku Malta.

10. Irid jinghad ukoll li, ghalkemm ir-rikorrent kien eligibbli li japplika ghat-tieni sejha (MPO BII 32/95) li kienet saret fi hdan l-istruttura l-gdida tal-Korp Diplomatiku Malti u skond il-ftehim milhuq ma’ l-*Unions* f’dan ir-rigward huwa ma kienx applika, u allura ma kienx utilizza l-opportunita` li kienet inghatatlu dak iz-zmien biex jersaq ghall-intervista estiza sabiex jigu determinati l-kapacitajiet u l-abbiltajiet tieghu sabiex iservi fil-kariga ta’ *First Secretary*.

11. Illi, bla pregudizzju ghall-espozizzjoni tal-fatti min-naha tal-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin u ta’ l-Ambjent, dan it-Tribunal ma jistax jezamina, fl-ambitu ta’ dan ir-rikors, il-fatti dikjarati mir-rikorrent fir-rigward tas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha meta kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Muzewijiet.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal ghandu jichad dan ir-rikors.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn bazikament ikkonferma dak li qal fir-rikors. Semma specifikatament li immedjatament wara l-elezzjoni ta’ Marzu 1992 gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Muzewijiet fejn tpogga f’kamra li kienet ta’ detriment ghal sahhtu, peress li kienet minghajr twieqi u ventilators, mimlija kaxex bil-files u minghajr entratura diretta. Barra minn hekk hafna mix-xoghol li kien jaghmel kien it-tqassim ta’ affarijiet u

certament ma kienx it-tip ta' xoghol tal-livell tieghu. Sostna li ma kienx hemm bzonn dan it-transfer u semma li l-ufficjal li tbiddel mieghu kien ta' grad anqas minnu u wara certu zmien l-anqas baqa' jahdem il-Ministeru ghax ghamel transfer ghad-dwana. Semma li minn fost ufficjali kien ha transfer hu ghalkemm kien hemm min ilu ferm anqas minnu fil-Ministeru. Hu bejn l-1987 u l-1992 qatt ma kien talab biex jiehu transfer. Mill-1992 sa l-1999 kien qieghed fil-Museums Department. Dwar il-promotion exercise tal-1988 ma kienux inhatru nies mill-call for applications.

Edwin P. Ebejeripprezenta affidavit fejn semma li bejn l-1988 u l-1990 kien Segretarju llum Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Dan semma li lir-rikorrent kien ilu jafu ghal xi snin u semma li dan kien fis-sezzjoni tal-Council of Europe. Semma li xi zmien ir-rikorrent gie nominat fuq il-Kumitat inter-Ministerjali biex jiehu hsieb il-protezzjoni civili f'kaz ta' xi dizastru naturali izda in segwitu kien tnehha u r-rikorrent hadha bi kbira. Ix-xhud spicca mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin f'Ottubru ta' l-1990. Hu kien dejjem sab lir-rikorrent leali lejn is-superjuri u d-doveri tieghu.

Leslie Agius semma li r-rikorrent kien membru tad-diplomatic staff fl-Ambaxxata Maltija f'Washington meta hu kien in charge mill-Ambaxxata bejn l-1980 sa l-1983. Semma lir-rikorrent kien "very hardworking, loyal and respectful employee who took pride in the work he perform for his country. He also got on very well with officials at the State Department and the members of the Maltese community in the Washington area and enjoyed the respect and friendship of both."

Edward J. Caruana semma li jaf lir-rikorrent minn meta kien desk officer tal-Council of Europe fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Dak iz-zmien hu kien desk officer tal-Council of Europe fil-Ministeru responsabbli ghall-Edukazzjoni. Jaf lir-rikorrent bhala "reliable and trustwhorty person who always did his works with great diligenza and responsability. I cannot recall a single instant where he failed to deliver even though many of the

transactions had to be processed in a short periods with fixed deadlines."

Carmel Inguanez Assistent Direttur ma' l-Ufficcju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u li bhalissa qieghed on secondment fis-Segretarjat ghan-Negozjati ma' l-Unjoni Ewropeja fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ipprezenta affidavit fejn semma li bejn 1988 u Dicembru 1990 kien il-Kap tas-Sezzjoni ta' l-Kunsill ta' l-Ewropa, il-Konferenza tas-Sigurta` u Kooperazzjoni fl-Ewropa, il-Vatikan u l-Ordni ta' San Gwann fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Hu qal li r-rikorrent kien impjegat f'din is-sezzjoni taht ir-responsabbilita` tieghu. Hu semma li kemm ir-rikorrent dam jokkupa din il-posizzjoni, dejjem wera' entuzjazmu u diligenza fix-xoghol tieghu u li kien impjegat serju dedikat u ta' integrita`. Qatt ma kellu diffikultajiet bih sew fir-relazzjoni ta' xoghol mall-kollegi tieghu u mieghu kif ukoll diffikultajiet ta' esekuzzjoni ta' dmirijietu.

Victor Privitera pprezenta affidavit u kkonferma lir-rikorrent kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Muzewijiet wara l-elezzjoni tal-1992 u kien inghata xoghol ta' Store Keeper. Dan ix-xoghol kien jirrigwardja mhux biss iz-zamma tal-kotba, izda wkoll it-tqassim tal-affarijiet sanitarji fis-siti kollha u l-materjal u l-ghodod lill-haddiema. Semma li r-rikorrent kien tpogga f'ufficcju pjuttost mudlam hlief ghal dawl artificjali u minghajr ebda ventilazzjoni hlief il-bieb tad-dhul u l-hrug. L-iskrivanija kienet imdawra b'hafna xkafef mimlijin u bl-affarijiet.

Xehed George Busuttil li semma li llum il-gurnata spicca mill-inkarigu tieghu izda ghadu konsulent mal-Ministeru minhabba li spicca bil-pensjoni xi sena qabel u dan wara li telaq minn Kummissarju gholi ta' Malta ghall-Awstralja u gie Malta Officer in Grade 3 jigifieri Ambassatorial level u kien qiesu jaghmilha ta' Deputy tas-Segretarju Generali jigifieri tal-Permanent Secretary li semma li jaf lir-rikorrent li dan kien jokkupa l-kariga ta' Administrative Assistant u kien ghamel zmien fis-sezzjoni tal-Council of Europe u wara kien tnehha minn hemmhekk. Semma li r-rikorrent kien dar mieghu li spicca minn hemmhekk kif ukoll li r-

rikorrent ghamel xi zmien tqabbad jaghmel xoghol ta' Legalisation kif ukoll lista tal-kotba tal-librerija.

Semma li huma liable to internal transfers u anke transfers minn dipartiment ghall-iehor u semma li f'kaz minnhom kien qallu "isma ma jistax ikun li tibqa' dejjem fl-istess section u allura l-parir tieghi huwa li fis-section il-gdida taghmel ix-xoghol tieghek normali u imbaghad tara x' taghtih il-karriera. Ma kienx jaf x'kienet ir-raguni tat-transfer ghax dak iz-zmien hu kien gja qieghed fl-Awstarlja, Canberra ghax telaq minn Malta f'Ottubru 1991 u hu kien gie trasferit f'Marzu 1992.

Ikkonferma li hu qatt ma kellu problemi mar-rikorrent u ddiskrivieh bhala habib u nice person

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq diversi aspetti. Jibda' billi jitkellem illi huwa gie kkalunjat. Ghalkemm din hija msemmija biss fil-premessi u mhux fit-talbiet certament din tezorbita mill-kompetenza. Hawnhekk wiehed bilfors irid jaghmel riferenza ghall-dak li qal it-Tribunal fil-kawza Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999, fejn it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bilfors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bilfors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista

imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghall-hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecieda fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta'**

**hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**,

Differenti hu l-kaz ta' **"Downgrading"** li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni. Differenti hu wkoll il-kaz ta' "**Constructive dismissal"** [ara Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited deciza in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997 ].

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **redundancy pay, hlas ta' bolol, u nuqqas ta' hlas ta' increments.** Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bi1-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal. Dwar increments ara Sultana Grezzju vs Mid-Med Bank fuq imsemmi. Redundancy pay tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u r-rikorrent kellu rimedji ohra miftuha ghalih mhux taht dan l-Att."

Illi minn dak li ghadu kif inghad certament johrog car illi li tikkalunja persuna mhix wahda mill-aspetti illi fuqhom jista' jsir ilment. Ir-rikorrent kompla biex ilmenta illi rcieva trattament umiljanti bl-iskop li jaqla' transfer vendikattiv minghajr ebda raguni valida anzi x'aktarx minhabba t-

twemmin politiku li jhaddan. Hawnhekk ukoll it-Tribunal jirrileva li dan mhuwiex ukoll kompetenza tat-Tribunal. Il-Ligi hija cara u t-Tribunal jiskanta kif isiru rikorsi fuq aspetti li certament mhumiex koperti mill-Att VIII ta' l-1997. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll jiddikjara ruhu inkompetenti *ratione materae* fuq dan is-suggett.

Ikompli jilmenta li kien suggett f'atti diskriminatorji a bazi politici biex itellfu l-opportunita` ta' promotion ghal First Secretary. It-Tribunal hawnhekk ukoll jaghmel referenza ghal dak li ghadu kif qal ghax dana wkoll mhuwiex ta' kompetenza tat-Tribunal u minn imkien ma jista' b'xi mod ir-rikorrent jiggranfa fuq din is-sitwazzjoni. Ghalhekk fuq dan l-aspett ukoll jiddikjara ruhu inkompetenti *ratione materae.*

Ir-rikorrent ilmenta wkoll illi gie mqabbad jaghmel xoghol ta' katalogar tal-librerija u xoghol iehor li fil-fehma tieghu ma kienx dehen ghall-grad tieghu. Dan l-aspett ukoll mhuwiex imsemmi fil-ligi tat-Tribunal u ghalhekk kien inutli li r-rikorrent jilmenta dwar dan l-aspett u wkoll hawnhekk it-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti *ratione materae*.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll illi fit-28 ta' Dicembru 1988 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal erba' postijiet ta' Frist Secretary fl-ufficju ta' l-Affarijiet Barranin. Issa dan certament huwa ta' kompetenza tat-Tribunal li ssemmi specifikatament il-promozzjonijiet. Izda rrizulta mill-provi illi effettivament din is-sejha kienet giet irtirata. Li gara kien li l-process ta' selezzjoni fuq is-sejha mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku twaqqaf ghall-kandidati kollha u mhux ghar-rikorrent biss u dana minhabba li l-Kabinett kien approva skema gdida ghar-reklutagg ta' First Secretary fil-Korp Diplomatiku. L-ittra mahruga fil-31 ta' Lulju 1989 mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin li kopja taghha tinsab a fol 48 tghid car u tond dan il-kliem:

"The Public Service Reform Commission has just submitted a first stage report on the principles that should guide a new public service for Malta.

It has been decided that pending a study of this report, the procedure connected with the selection and appointment of First Secretaries in the Ministry of Foreign Affairs should be suspended".

Issa hawnhekk it-Tribunal f'okkazzjonijiet ohra gja ghamilha cara illi jekk ikun hemm applikazzjoni u li din tigi rtirata ghal group kollu u ma tkun diretta b'mod senjat ghar-rikorrent in partikolari din ma tammontax ghall-ingustizzja.  Kaz simili hafna huwa dak deciz fis-17 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet Alfred Zammit kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici fejn intqal:

"Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li  "Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena.  Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero' l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx.  Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx.  Ma rrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita.  Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari.  Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.
Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx l-ilment gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Ir-rikorrent fl-ahhar nett ilmenta wkoll dwar it-transfer u cioe` li fis-6 ta' Marzu 1992, immedjatament wara l-elezzjoni tal-1992, hu gie trasferit fid-Dipartiment tal-Muzewijiet u tpogga jahdem ghal aktar minn sena f'kamra ta' livell baxx. Issa hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru et deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 fejn it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifhmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Fil-kors tad-deposizzjonijiet moghtija f'dan il-process irrizulta dejjem illi r-rikorrent kien kunsidrat bhala bniedem efficjenti u kapaci. Gie kkunsidrat bhala bniedem ta' esperjenza u dedikat u pulit lejn is-superjuri tieghu u allura wiehed certament ikollu jsaqsi d-domanda ghaliex dana gie trasferit. Naturalment hemm dejjem id-dritt tal-Gvern illi jekk ikun hemm l-esigenzi tas-servizz persuna tigi trasferita. Izda fil-kaz in kwistjoni dawn l-esigenzi tas-servizz ma gie pruvat b'ebda mod hlief li ssemma li kien mill-Ministeru illi effettivament ittiehdet id-decizjoni pero`

raguni valida ghal dan it-trasferiment ma nghatatx anzi ssemma illi x-xoghol tar-rikorrent gie maghmul minn persuna ta' anqas esperjenza minnu.  Ma giex pruvat illi saret xi talba mid-Dipartiment ta' Muzewijiet ghalih, l-anqas li saret xi talba mid-Dipartiment in kwistjoni biex ir-rikorrent jigi trasferit.  Mela allura l-esigenzi tas-servizz ma gewx bl-ebda mod pruvati.

Ir-rikorrent ikompli jsemmi kif tpogga go kamra bla twieqi, bla bibien u bla ventilazzjoni qalb hafna kaxex u bil-files go fihom bil-kompitu li jiehu hsieb l-istores inkluz illi joqghod jiehu hsieb l-affarijiet sanitarji.  Pero` hawnhekk jinghad illi l-intimat m'huwiex qatt id-Direttur tal-Muzewijiet ghax infatti dan ma jirrizultax u ghalhekk ma jistax it-Tribunal jidhol fuq dan l-aspett izda jibqa' dejjem il-fatt li r-rikorrent gie trasferit u ma nghatax raguni valida ghala sar dan it-transfer.  Taht dan l-aspett it-Tribunal isib l-ilment ippruvat u taht dan l-aspett biss ta' trasferiment tal-1992 isib l-ilment ippruvat u jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Ghal dawn il-motivi, peress li jsib l-ilment gustifikat u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].  Ir-rikorrent talab ukoll illi t-Tribunal jordna li hu jigi trasferit lura fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.  Din hija haga li mhijiex kompetenza tat-Tribunal u infatti t-Tribunal qatt fil-kawzi kollha li ra qatt ma ordna t-trasferiment lura.

Dwar spejjez minhabba li diversi gew michuda u giet accettata it-talba dwar it-trasferiment l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------